# PRIM'AWLA TAL-QORTI CIVILI

**IMHALLEF**

**ONOR. NOEL V. ARRIGO LL.D.**

**Seduta ta' nhar il-Gimgha, 22 ta' Gunju, 2001**

**Numru**

**Citaz. numru: 1881/00 M1 NA**

**John Vella**

**vs**

**Doriette Marmara**

**Il-Qorti,**

Rat ic-citazzjoni pprezenta mill-attur fil-15 ta' Settembru 2000 fejn ippremetta:

"Illi l-attur izzewweg lill-konvenuta fil-15 ta' Gunju 1997, kif jirrizulta mic-Certifikat taz-Zwieg hawn anness u markat bhala Dokument "A";

Illi l-kunsens ta' l-attur kien inkiseb b'qerq dwar kwalita' tal-konvenuta li fixklet serjament il-hajja mizzewga;

Illi l-konvenuta ma kellhiex fiz-zmien li sar iz-zwieg, setghat intellettwali jew ta' rieda bizzejjed biex jinholoq kunsens ghaz-zwieg;

Illi l-kunsens tal-konvenuta ghal dan iz-zwieg kien vizjat b'difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju fuq il-hajja mizzewga u/jew fuq id-drittijiet u d-dmirijiet essenzjali tieghu;

Illi ghalhekk l-imsemmi zwieg huwa null u bla effett ghat-termini ta' l-Artikolu 19 (1) (c) u/jew (d) u/jew (h) ta' l-Att XXXVII tal-1975 li Jirregola z-Zwigijiet;

TALAB li din il-Qorti:

1 tiddikjara u tiddeciedi illi z-zwieg kuntrattat bejn l-attur u l-konvenuta huwa null u bla ebda effett bil-ligi.

Bl-ispejjez kontra l-konvenuta li hija ngunta sabiex tidher ghas-subizzjoni."

Rat id-dikjarazzjoni guramentata tieghu, il-lista tax-xhieda w id-dokument minnu esebit.

Rat in-Nota ta' l-Eccezzjonijiet tal-konvenuta tal-20 ta' Novembru 2000 fejn eccepiet:

1) "Illi l-pretenzjonijiet ta' l-attur huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u in effetti kien l-attur li kellu difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju fuq il-hajja mizzewga u/jew fuq id-drittijiet u dmirijiet essenzjali tieghu u dan esklussivament;

2) Salvi eccezzjonijiet ohra."

Rat id-dikjarazzjoni guramentata taghha w il-lista tax-xhieda.

Il-konvenuta pprevalixxiet ruhha minn Nota ta' l-Eccezzjonijiet biex tipprezenta kontro-talba fejn ippremettiet:

"Illi l-kontendenti zzewgu fil-15 ta' Gunju 1997;

Illi l-kunsens ta' l-attur kien vizzjat b'difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju fuq il-hajja mizzewga u/jew fuq id-drittijiet u dmirijiet essenzjali taghha;

Illi konsegwentement dan iz-zwieg huwa null ghat-tenur ta' l-Artikolu 19 (d) ta' l-Att XXXVII tal-1975 li Jirregola z-Zwigijiet;

TALBET li din il-Qorti:-

1) tiddikjara u tiddeciedi li z-zwieg kuntrattat bejn il-partijiet huwa null u bla effett legali;

Bl-ispejjez kontra l-attur ingunt ghas-subizzjoni."

Rat id-dikjarazzjoni guramentata w il-lista tax-xhieda li akkompanjaw il-kontro-talba.

Rat in-Nota ta' l-Eccezzjonijiet ta' l-attur ghall-kontro-talba tal-konvenuta tal-31 ta' Jannar 2001 fejn eccepixxa:

2) “Illi kif sejjer jigi ppruvat waqt it-trattazzjoni tal-kawza l-kunsens ta' l-attur rikonvenut inkiseb b'qerq dwar kwalita' tal-konvenuta rikonvenjenti li fixklet serjament il-hajja mizzewga;

3) Illi kif sejjer jigi ppruvat waqt it-trattazzjoni tal-kawza l-konvenuta rikonvenjenti ma kellhiex fiz-zmien li sar iz-

zwieg, setghat intellettwali jew ta' rieda bizzejjed biex jinholoq kunsens ghaz-zwieg;

4) Illi kif sejjer jigi ppruvat waqt it-trattazzjoni tal-kawza l-kunsens tal-konvenuta rikonvenjenti ghal dan iz-zwieg kien vizjat b'difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju fuq il-hajja mizzewga u/jew fuq id-drittijiet u d-dmirijiet essenzjali taghha;

5) Illi ghar-ragunijiet sueposti t-talbiet tal-konvenuta rikonvenjenti ghandhom jigu michuda bhala nfondati fil-fatt u fid-dritt, bl-ispejjez kollha kontra l-istess konvenuta rikonvenjenti;

6) Salv eccezzjonijiet ulterjuri."

Rat id-dikjarazzjoni guramentata tieghu w il-lista tax-xhieda.

L-attur ipprezenta x-xhieda ta' Dr. David Tanti, it-Tabib tieghu kif ukoll habib, b'affidavit b'nota tas-16 ta' April 2001.

Fis-seduta tat-8 ta' Mejju 2001 invece l-Qorti semghet ix-xhieda *viva voce* taz-zewg partijiet.

Ikkunsidrat:-

Illi mix-xhieda dettaljata tal-partijiet jirrizulta illi ghal din il-koppja z-zwieg kien biss avventura li ma' l-ewwel xamma ta' responsabbilita' wassal biex iz-zwieg tfarrak ftit zmien biss wara li kien gie ccelebrat. In-nuqqas ta' maturita' tidher li kienet ezistenti partikolarment fil-konvenuta li apparti mill-eta' tenera taghha jirrizulta li qatt ma riedet b'responsabbilita' u b'serjeta' tidhol ghar-rabta taz-zwieg. Iz-zwieg ghaliha kien biss li jkollha dar u li tasal il-gurnata tat-tieg u xejn aktar. Effettivament sa ftit wara d-data taz-zwieg hija kienet diga' bdiet tiddeporta ruhha qiesha ma zzewget qatt u bdiet tmur Paceville mal-hbieb tax-xoghol kif kienet taghmel qabel anke sa darbtejn fil-gimgha.

Dan nonostante l-Qorti kien ikollha dubbju serju jekk il-problemi f'dan iz-zwieg kienux tali li jistghu jwasslu ghall-annullament tieghu jew inkella biss ghal separazzjoni personali.

Jirrizulta pero' wkoll bl-aktar mod car illi l-konvenuta dahlet f'dan iz-zwieg bl-eskluzzjoni posittiva illi jkollha t-tfal. Mistoqsija anke mill-Qorti:

"***Qorti:*** *Inti smajt lir-ragel jixhed.  Fuq din il-kwistjoni tat-tfal smajtu x'qal illi inti xtaqt illi ma jkollokx tfal.  Inti xi tghid fuqha?*

***Xhud:*** *Jiena mill-ewwel kont nghidlu, minn qabel ma zzewwigna illi jiena kont nibza' illi jkolli t-tfal.*

***Qorti:*** *Jigifieri ma ridtx illi jkollok it-tfal inti?*

***Xhud:*** *Le.*

***Qorti:*** *U minn qabel iz-zwieg kont tghidlu?*

***Xhud:*** *Qal hu stess illi kont indawwar il-kliem meta jghidli jkollniex tfal jew le.*"

Ikkunsidrat:-

Din il-Qorti f'diversi sentenzi ohra ddikjarat illi fis-socjeta' taghna u fil-kuncett taz-zwieg li jezisti fostna l-koncepiment tat-tfal huwa element essenzjali ta' dan il-kuncett u li l-eskluzzjoni posittiva ta' dan l-element minn qabel iz-zwieg iwassal biex dak iz-zwieg ikun wiehed annullabbili ai termini tal-ligi.

Ghal dawn ir-ragunijiet din il-kawza hija deciza billi l-Qorti tilqa' t-talbiet attrici kif ukoll l-kontro-talbiet rikonvenzjonali u tiddikjara u tiddeciedi illi z-zwieg ikkuntrattat bejn l-attur u l-konvenuta huwa null u bla effett bil-ligi.

In vista tac-cirkostanzi tal-kaz u wara li semghet il-partijiet il-Qorti tordna illi l-ispejjez tal-kawza jithallsu nofs bin-nofs bejn l-istess partijiet.

**ONOR. IMHALLEF NOEL V. ARRIGO LL.D.**

Deputat Registratur

rf.